**25 ta' Settembru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Calcedonia Sciortino

*versus*

Victor Calleja, et

**Ċitazzjoni — Konvenut — Formula "jekk jidhirlu li għandu interess" — Pożizzjoni ta'**

*Min jiġi mħarrek taħt il-formula "jekk jidhirlu li għandu interess", għandu jbati l-ispejjeż tiegħu jekk jikkontesta ineffikaċement dik iċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni peress li, fit-tletin (30) ta' Awissu, 1963, il-konvenut Victor Calleja, talab u ottiena l-ħruġ ta' mandat ta' qbid kawtelatorju numru 322/1963, kontra martu, l-imsemmija Grace Calleja, u peress li dan il-mandat ġie esegwit fit-tnejn (2) ta' Settembru, 1963, mill-konvenut Marixxal Bonnici fuq oġġetti li kienu fid-dar, u kwindi fil-pussess, ta' l-attriċi li hija terza persuna fir-relazzjonijiet bejn il-konjugi Calleja, u peress li l-oġġetti hekk maqbuda ġew konsenjati mill-imsemmi Marixxal l-ewwel lil gwardjan u mbagħad lill-konvenut Dr. Muscat bħala konsenjatarju, u peress li l-esekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat saret irritwalment u nullament fid-dar ta' l-attriċi li hi terza persuna, talbet illi għar-raġunijiet premessi dina l-Qorti tordna r-revoka ta' l-esekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat in kwantu din l-esekuzzjoni saret fid-dar ta' l-attriċi u fuq oġġetti li kienu taħt il-kontroll tagħha, salv, s'intendi, kull rimedju ieħor kompetenti lill-

kreditur skond il-liġi b'riserva għall-azzjoni tad-danni kontra l-konvenuti Victor Calleja u Marixxal Paolo Bonnici u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attriċi u n-nota tax-xhieda tagħha;

Rat ir-rikors tal-attriċi tal-ħamsa (5) ta' Settembru, 1963, u digriet tas-sitta (6) ta' Settembru, ta' din is-sena, li minnu jidher li dina l-kawża għandha ssir bl-urġenza, abbrevjati t-termini legali u d-dispensa tal-ferji.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Marixxal Paolo Bonnici li biha qal li huwa esegwixxa l-ordnijiet mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti bid-digriet tagħha tat-tletin (30) ta' Awissu, 1963, u għalhekk di fronti għalih id-domandi at-triċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut fuq imsemmi u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat li l-konvenuti Grace mart Victor Calleja u l-Onorevoli Dr. Philip Muscat imħarrka jekk jidhrilhom li għandhom interess u debitament notifikati bl-att taċ-ċitazzjoni fis-seba' (7) ta' Settembru, 1963, baqgħu ma ppreżentaw ebda nota tal-eċċezzjonijiet.

Rat ir-rikors ta' l-attriċi tal-ħdax (11) ta' Settembru 1963, u ż-żewġ digrieti ta' dina l-Qorti, tat-tnax (12) u tad-dsatax (19) ta' Settembru, 1963, li minnhom jidher li biex jirrapreżenta f'dina l-kawża lill-assenti Victor Calleja ġew nominati kuraturi "ex officio".

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kuraturi li biha qalu li huma mhumiex edotti mill-fatti u għaldaqstant jirriservaw li jagħtu kwalunkwe eċċezzjoni wara li jisimgħu l-provi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi u n-nota tax-xhieda tagħhom;

Semgħet lill-attriċi u lil Grace Calleja u Marixxal Bonnici bil-ġurament;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet lil Avukati;

Ikkunsidrat:

Mill-provi rriżulta li l-konvenut Victor Calleja, ħareġ mandat ta' qbid kontra martu l-konvenuta Grace Calleja esegwibbli fi tliet postijiet, l-ebda wieħed minhom fid-dar fejn kienet toqgħod l-istess martu. Il-mandat ġie esegwit fil-fond numri 82, 83 u 84, Main Street Żebbuġ, ta' proprjetà tal-attriċi, li tgħammar fiha, u fejn ġie li marret l-konvenuta msemmija meta kellha xi tgħid mal-konvenut żewġha bla ħlas. Fil-fatt il-konvenuta Grace Calleja kienet ħadet il-mobili tagħha għand l-attriċi sabiex iżżommhomlha in depositu sakemm tispiċċa l-kawża li kellha u għad għandha mal-konvenut Calleja

Illi fil-ħsieb konsiderat ta' dina l-Qorti taħt iċ-ċirkostanzi riżultati l-proċedura kawtelatorja adoperata ma' kienitx dika suġġerita mil-liġi, l-għaliex l-attriċi kienet biss depositarja.

Illi dwar iċ-ċitazzjoni tal-Marixxal esekutanti jingħad li huwa ġie ċitat "jekk jidhirlu li għandu interess" u kwindi dika l-formola, li timporta r-remissjoni għall-ġudizzju tal-persuna hekk ċitata dwar l-interess li jidhrilha li jista' jkollha b'dana li jekk dika l-persuna tiddikjara u turi li fil-fatt għandu interess l-ispejjeż ta' dika l-istess persuna jiġu regolati skond dak l-interess demostrat.

Illi fit-trattazzjoni li l-Marixxal wera interess fil-fatt billi sostna li l-esekuzzjoni tal-mandat "de quo" għandha tiġi sostnuta tant il fin-nota tal-eċċezzjoni tiegħu talab li t-talba fil-konfront tiegħu tiġi riġettata. Dina l-Qorti jidhrilha li l-istess Marixxal kien imissu jew jibqa' kontumaċi jew, se mai, jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti u per konsegwenza tal-meritu għandu *jirregola l-ispejjeż tiegħu.*

Għalhekk:

Taqta' u tiddiċiedi billi tirrevoka l-mandat "de quo" a spejjeż tal-konvenut Victor Calleja barra minn dawk tal-Marixxal ċitat li jibqgħu għalih.